APPENDICI A

# LAQGĦA TAL-KOMMUNITA

## It-Tlieta 2 ta' Mejju, 2023

### RAPPORT AMMINISTRATTIV IMĦEJJI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV, GĦAL-PERJODU JANNAR SA DIĊEMBRU 2022

Din hija r-raba sena tat-tmien leġislatura preżenti tal-Kunsill Lokali tal-Mosta, li bdiet f-Lulju 2019 taħt it-tmexxija tas-Sindku Romilda B. Zarb, u min Mejju 2022 taħt it-tmexxija tas-Sindku l-ġdid il-Perit Christopher Grech, wara li s-Sa Romilda B. Zarb ħadet il-ġurament ta' Membru Parlamentari.

It-tmien leġislatura hija magħmula min:

Perit Christopher – Sindku

**Responsabbli mid-Dekasteri:**

- Infrastruttura
- Proġetti

**Responsabiltajiet Oħra:**

- Proġetti Urbani Parks fil-Mosta
- Finanzi
- PPP
- Fond għall-Iżvilupp Urban
- Komunità Kummerċjali
- Turiżmu
- Trasport Pubbliku
- Kumitat għall-Immaniġġjar tat-Traffiku
- Manutenzjoni ta' Toroq
- Awtorità ta' l-Ippjanar
- Bord ta' l-aġġudikazzjoni ta' Tenders
- Permessi nklużi dawk tal-Festi (Viċi)
- Ambjent (Viċi)
- Paġna ta' Facebook.

Rachel Abela – Viċi Sindku

**Responsabbli mid-Dekasteru:**

- Ambjent
- Ħarsien ta' Widien

**Responsabiltajiet Oħra:**

- Dwal tat-Toroq
- Ġonna Pubbliċi

Keith Cassar – Kunsillier

**Responsabbli mid-Dekasteru:**

- Komunitajiet

**Responsabiltajiet Oħra:**

- Festi
- Ħruġ ta' Permessi nklużi dawk tal-Festi, u Eżekuzzjoni
- Bord tal-Claims
- Bord ta' l-aġġudikazzjoni ta' Tenders
- Kumitat tal-Immaniġġjar tat-Traffiku
- Inventarju (Permessi *loading/unloading bays, disabled bays*, spazji riservati)
- Mwejjed u Siġġijiet, u Infurzar
- Infurzar: LESA, Pulizija, Vetturi Skrappjati, CCTV fil-Mosta

Frans Deguara – Kunsillier

**Responsabbli mid-Dekasteru:**

- Anzjani

**Responsabiltajiet Oħra:**

- Kumitat tal-Immaniġġjar tat-Traffiku
- Rivista ta-Kunsill

Dott. Angele Rapa – Kunsilliera

**Responsabbli mid-Dekasteru:**

- Integrazzjoni Soċjali

**Responsabiltajiet Oħra:**

- Pariri Legali

Joseph Gatt – Kunsillier

**Responsabbli mid-Dekasteru:**

- Innovazzjoni

**Responsabiltajiet Oħra:**

- Enerġija Rinnovabbli
- Kwalità ta' Arja Aħjar
- Bord ta' l-Interviews

<u>Aiken Zerafa – Kunsillier</u>

**Responsabbli mid-Dekasteri:**

- Sports
- Attivitajiet Fiżiċi

<u>Maria Pia  Bonnici – Kunsilliera</u>

**Responsabbli mid-Dekasteru:**

- Indafa
- Ħarsien ta' L-Annimali

**Responsabiltajiet Oħra:**

- Fondi Ewropej
- Youth Empowerment Centre
- Day Centre
- Bord tal-Claims
- Kumitat ta' l-Immaniġġjar tat-Traffiku
- Bord ta' l-Interviews
- Ġbir ta' Skart, inkluż skart goff

<u>Marvic Camilleri – Kunsillier</u>

**Responsabbli mid-Dekasteru:**

- Kultura

**Responsabiltajiet Oħra:**

- Patrimonju Mosti
- Għaqdiet Mostin
- Attivitajiet kulturali ġewwa l-Mosta
- Ħarġiet Kulturali
- Ġieħ il-Mosta / Jum il-Mosta
- Ġemellaġġi
- Bord ta' l-Interviews (sostitut)

<u>Danny Farrugia – Kunsillier</u>

**Responsabbli mid-Dekasteri:**

- Għajnuna Soċjali

**Responsabiltajiet Oħra:**

- Mosta Solidali u Grupp Tislima
- Problemi ta' Housing

<u>George Borg – Kunsillier</u>

**Responsabbli mid-Dekasteri:**

- Edukazzjoni

**Responsabiltajiet Oħra:**

- Proġetti (Viċi)
- Bord ta' l-Interviews

- Kumitat ta' l-Immaniġġjar tat-Traffiku

<u>Anna Galea – Kunsilliera</u>

**Responsabbli mid-Dekasteri:**

- Proġetti
- Skemi
- Bord ta' l-aġġudikazzjoni ta' Tenders

**Responsabiltajiet Oħra:**

- Proġetti (Viċi)
- Applikazzjoni biex il-lokalità tal-Mosta issir Belt

## ❖ <u>Xogħol Amministrattiv</u>

Mid-dipartiment tal-*customer care* żewġ impjegati fuq skala 16 kienu rriżenjaw mil karigi tagħhom. Wara sejħiet interni, sejħiet mil-Jobsplus, u finalment sejħa pubblika, intgħażlet persuna li bdiet f'Settembru 2022, u għalhekk fadal biex jitkompla l-proċess għal-persuna oħra.

Kellna wkoll proċess ta' impjieg ieħor fuq skala 13, wara riżenja ta' impjegata mil-*back office,* fejn wkoll tlesta l-proċess ta' impjieg u ntgħażlet persuna interna mir-*reception.* Impjegat ieħor li kien jaħdem fir-*reception* tefa r-riżenja tiegħu f'Lulju 2022, u għalhekk kellna nibdew proċess ieħor u noħorġu sejħa għal-żewġ impjegati fuq skala 15, għar-*reception*.

Il-Kunsill kien applika wkoll fl-iskema finanzjara favur il-komunità, biex jkollu impjegat tal-Community Inclusive Employment Scheme, fejn illum il-ġurnata dan il-proċess tlesta u għanda impjegat li jaħdem mat-*team* tal-manutenzjoni.

Bħala xogħol amministrattiv il-ħidma tal-Kunsill dejjem għaddeja mhux biss bħala servizz lil-kull min jiġi l-Kunsill, jiktbilna jew jċempel, imma wkoll fejn jidħlu proċeduri, direttivi, regolamenti, proġetti u mitt ħaġa oħra li l-Kunsill ta' kuljum jiffaċċja, bejn residenti, kuntratturi, dipartimenti tal-Gvern eċċ, fejn jiena flimkien ma l-istaff tiegħi impenjati biex dejjem intejbu x-xogħol tagħna, u nagħtu l-aħjar servizz lil-komunità, u għalhekk nixtieq nieħu l-opportunità biex nirringrazzja l-istaff kollu tal-Kunsill.

## ❖ <u>Ilmenti</u>

Nirċievu bosta l-menti li għalkemm uħud mil-ilmenti l-Kunsill ma jkun jista' jagħmel xejn dwarhom, għax uħud ma jaqgħux taħt il-kappa tal-Kunsill biex jkun jista' jieħu azzjoni, xorta nippruvaw ngħinu u jekk nkunu nistgħu nippruvaw insolvu l-ilmenti li jidħlu, jew ngħadduhom lil-entità konċernata. Fuq dan il-punt nixtieq ntenni, li uħud mir-residenti għadhom ma jafux jew ma jifhmux ir-rwol tal-Kunsilli, u għalhekk tajjeb li r-residenti jikkomunikaw iktar magħna. Huwa ta' dispjaċir li għadna naffaċjaw residenti, li jibqgħu jattakkaw il-Kunsill fuq affarijiet li l-Kunsill m'għandux kontroll fuqhom, u/jew l-anqas biss jista' jieħu azzjoni fuqhom.

Il-Kunsill jirċievi bosta rapporti li jvarjaw, fejn is-soluzzjoni mhux dejjem tiddependi mill-amministrazzjoni tal-Kunsill, għax f'ċerti ċirkustanzi jista' jkun meħtieġ aktar żmien biex tittieħed azzjoni. Dan minħabba li jkun jirrikjedi deċiżjoni mill-Kunsill u / jew intervent minn entitajiet oħra, imma naċċerta lir-residenti Mostin li l-amministrazzjoni tagħmel min kollox sabiex tissodisfa t-talbiet tar-residenti, u fl-iqsar żmien possibbli.

❖ <u>Prattiċi tax-Xogħol</u>

Rigward prattiċi tax-xogħol (*work practices*) dejjem nippruvaw nimplimentaw metodi ġodda ta' kif nistgħu naħdmu aħjar, mhux biss biex nipprovdu l-aħjar servizz, imma wkoll biex nkunu effiċjenti. Prattiċi oħrajn fuq il-post tax-xogħol jinkludu r-relazzjonijiet ta' kuljum li jesperjenzaw l-impjegati. Importanti wkoll li ma nieqfux biss fuq listi ta' *policies*, programmi u *best practices,* imma li nipprovdu għodda lil-impjegati biex jiffunzjonaw bl-aħjar mod possibbli biex is-servizzi lir-residenti jkun mil-aqwa.

❖ <u>Finanzi</u>

Kull Kunsill lokali f'Malta u Għawdex ta' kul sena jara kif jista' jagħmel aktar xogħolijiet u jinvesti aktar fil-lokalità tiegħu bl-ammont ta' flus li jirċievi mill-Gvern Ċentrali. Għas-sena 2022 il-Kunsill tal-Mosta rċieva is-somma ta' 1,435,789 Ewro mill-Gvern Ċentrali, liema allokazzjoni kienet maqsuma hekk kif inhu ġej:

- Tisbiħ u Manutenzjoni tal-Parki u Ġonna — € 70,777 (żieda ta' €525 mis-sena 2021)
- Fondi għal-Latrini Pubbliċi — € 8,031 (żieda ta' €453 mis-sena 2021)
- Tiswija u Manutenzjoni ta' Toroq:
    - <u>Urbani:</u> Sinjali u Marki tat-Traffiku — € 231,108 (l-ebda żieda)
    - <u>Mhux Urbani</u>:
        - Sinjali u Marki tat-Traffiku — € 50,760 (l-ebda żieda)
    - Knis ta' Toroq Urbani — € 166,572 (l-ebda żieda)
    - Tindif ta' Toroq mhux Urbani — € 22,560 (l-ebda żieda)
- Immaniġġjar tal-iskart
    - Ġbir ta' Skart u *Bins on Wheels* — € 432,043 (l-ebda żieda)
    - *Waste Tipping Fees* — € 147,589 (l-ebda żieda)
- Spejjeż ta' Amministrazzjoni — € 280,072 (żieda ta' €26,279 mis-sena 2021)

Apparti l-allokazzjoni li l-Kunsill jirċievi mil-Gvern Ċentrali, l-Kunsill japplika għal-skemi u fondi biex jkunu jistgħu jsiru proġetti fil-lokalità. Dawn il-fondi jiġu minn skemi tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, mid-Development Fund tal-Awtorità ta' l-Ippjanar, Fondi mil-LESA u l-ERA, u fondi oħra Ewropej li l-Kunsill jkollu opportunità li japplika meta dawn jkunu disponibbli.

Il-Kunsill reġa' b'suċċess għalaq is-sena b'*surplus*, fejn sa Diċembru 2022 kellna bilanċ pożittiv ta' FSI 56% li jammonta għal €801,411 Ewro.

- **Laqgħat tal-Kunsill u Laqgħa Pubblika**

Matul is-sena 2022 issejħu 14 il-laqgħa tal-Kunsill u 2 laqgħat pubbliċi. Saru 13 il-laqgħa tal-Kunsill, u laqgħa numru 51 ġiet posposta. Laqgħat pubbliċi saru tnejn, waħda fit-14 ta' Ġunju u l-oħra fil-15 ta' Diċembru, 2022.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher fit-tabelli ta' hawn taħt:

| Laqgħa tal-Kunsill | Preżenti | Skużat | Assenti |
|---|---|---|---|
| Sindku Romilda B. Zarb (sal 05.04.22) | 1 | 2 | 0 |
| Viċi Sindku Christopher Grech (sal 05.04.22)<br>Sindku (mit 03.05.22) | 13 | 0 | 0 |
| Kunsilliera Rachel Abela (sa 05.04.22)<br>Viċi Sindku (mit 03.05.22) | 12 | 1 | 0 |
| Kunsillier Keith Cassar | 12 | 1 | 0 |
| Kunsillier Frans Deguara | 12 | 1 | 0 |
| Kunsilliera Dr Angele Rapa | 10 | 2 | 1 |
| Kunsillier Joseph Gatt | 10 | 2 | 1 |
| Kunsillier Aiken Zerafa | 9 | 3 | 1 |
| Kunsilliera Maria Pia Bonnici | 8 | 4 | 1 |
| Kunsilliera Shirley Abela (sa 27.09.22) | 8 | 1 | 1 |
| Kunsillier Marvic Camilleri | 11 | 1 | 1 |
| Kunsillier Mikhail Micallef | 4 | 9 | 0 |
| Kunsillier Danny Farrugia | 12 | 1 | 0 |
| Kunsillier George Borg (mill 01.06.22) | 8 | 1 | 0 |
| Kunsilliera Anna Galea (mit 08.11.22) | 2 | 0 | 0 |

| Laqgħa Pubblika Diċembru 2022 | Preżenti | Skużat | Assenti |
|---|---|---|---|
| Sindku Christopher Grech | 1 | 0 | 0 |
| Viċi Sindku Rachel Abela | 1 | 0 | 0 |
| Kunsillier Keith Cassar | 0 | 0 | 1 |
| Kunsillier Frans Deguara | 1 | 0 | 0 |
| Kunsillier Dr Angele Rapa | 0 | 1 | 0 |
| Kunsillier Joseph Gatt | 1 | 0 | 0 |
| Kunsillier Aiken Zerafa | 1 | 0 | 0 |
| Kunsillier Maria Pia Bonnici | 1 | 0 | 0 |
| Kunsillier Marvic Camilleri | 1 | 0 | 0 |
| Kunsillier Mikhail Micallef | 0 | 0 | 1 |
| Kunsillier Danny Farrugia | 1 | 0 | 0 |
| Kunsillier George Borg | 1 | 0 | 0 |
| Kunsilliera Anna Galea | 1 | 0 | 0 |

- Affarijiet Oħra.

Proġetti u attivitajiet li saru matul is-sena 2022 ser jiġu trattati fir-rapporti li qed jiġu ippreżentati mil-Kunsilliera responsabbli mid-Dekasteri tagħhom, u annessa mal-minuti bħala Appendiċi.

- Konklużjoni.

Bħala Kap Eżekuttiv, Kap Amministrattiv u Kap Finanzjarju jiena flimkien ma l-istaff nagħtu s-sehem kollu tagħna għall-ġid tal-lokalità, u għalhekk infakkar lir-residenti biex jikkomunikaw aktar magħna għax wara kollox l-għan tal-Kunsill huwa biex jaħdem id f'id mar-residenti.

Grazzi.

Lorraine Templeman
Segretarju Eżekuttiv